

Brussell, 22 ta' Settembru 2025
(OR. en)

12678/25

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0053 (COD)

CODEC 1237
TRANS 372

NOTA PUNT "I/A"

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

Suġġett: Abbozz ta' DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL
dwar il-liċenzji tas-sewqan, li temenda r-Regolament (UE) 2018/1724 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2022/2561 tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li tħassar id-Direttiva 2006/126/KE tal-
Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kummissjoni (UE)
Nru 383/2012 **(I-ewwel qari)**
- Adozzjoni tal-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari u tad-dikjarazzjoni tar-
raġunijiet tal-Kunsill

1. Fl-1 ta' Marzu 2023, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Kunsill il-proposta tagħha¹, ibbażata fuq l-Artikolu 91(1) TFUE.
2. Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ta l-opinjoni tiegħu fil-25 ta' April 2023².
3. Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta l-opinjoni tiegħu fl-14 ta' Ġunju 2023³.
4. Il-Kumitat tar-Regġuni ġie kkonsultat u ddeċieda li ma jagħtix opinjoni.
5. Il-Parlament Ewropew adotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari fit-28 ta' Frar 2024⁴.

¹ 6795/1/23 REV 1 + ADD 1 REV 1 + ADD 2-4.

² ĠU C 199, 7.6.2023, p. 13.

³ ĠU C 293, 18.8.2023, p. 133.

⁴ 10630/24.

6. Fit-30 ta' April 2025, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti kkonferma l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar id-Direttiva msemmija hawn fuq⁵, wara kuntatti informali bejn il-Kunsill u l-Parlament Ewropew.
7. Fl-14 ta' Mejju 2025, il-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu (TRAN) tal-Parlament Ewropew ikkonferma l-ftehim proviżorju li ntlaħaq mill-koleġiżlaturi dwar id-Direttiva msemmija hawn fuq. Sussegwentement, il-President tiegħu bagħat ittra lill-President tal-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti fejn iddikjara li l-Parlament Ewropew, fit-tieni qari tiegħu, għandu japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (wara revizzjoni mill-ġuristi lingwisti) mingħajr emendi.
8. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti mistieden jissuġġerixxi lill-Kunsill jadotta l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari, kif tinsab fid-dokument 8353/25, u d-dikjarazzjoni tar-raġunijiet, kif tinsab fid-dokument 8353/25 ADD 1 REV 1, bħala punt "A" fl-aqgħa li jmiss, bil-Kroazja u Malta jivvutaw kontra u l-Bulgarija u l-Awstrija jastjenu.
9. Id-dikjarazzjonijiet għall-minuti tal-Kunsill jinsabu fl-Addendum ta' din in-nota.

⁵ 7790/25.